**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 4 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Nikolai Sant**

**Spettur Jonathan Ransley**

**Vs**

**Rashad Mabruk**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Rashad Mabruk ta' 43 sena, iben Arabi u Arbia nee' Sherif, imweled Tripoli nhar it-22 ta' Gunju 1972, u residenti l-Furjana, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 154699(M);

Talli bejn nhar l-10 t'Ottubru 2016 u s-17 t'Ottubru 2016 minn gewwa l-istabiliment E-Jewels, Triq San Gorg, San Giljan:

1) Ikkommetta serq ta' tlett arloggi ta' ghamla Tissot, liema serq huwa ggravat bil-valur liem ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (232.94) izda ma jeccedix is-

somma t'elfejn tliet mija w digha' w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (2,329.37);

Akkuzat ukoll talli nhar id-19 ta' Dicembru 2016 minn gewwa l-istabbiliment E-Jewels, Triq Bisazza, Sliema:

2) Ikkommetta serq ta' zewg arloggi ta' ghamla Karl Legerfeld u Ferrari, liem ammont jeccedi s-somma ta' tlieta w ghoxrin euro w disgha w ghoxrin centezmu (23.92) izda ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (232.94);

Fl-ahhar nett akkuzat talli fix-xahar ta' Dicembru 2016 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

3) Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-4 ta' Jannar 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 284, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**